MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 2393/1998/1

**Ivan Cutajar**

**vs**

**J. Lautier Co. Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan li gej huma provvediment f'forma ta' sentenza dwar eccezzjoni/oggezzjoni procedurali u preliminarja sollevata mill-appellat Ivan Cutajar referibbilment ghall-fatt li s-socjeta' konvenuta appellanti ma ottenietx l-

awtorizzazzjoni ta’ l-ewwel Qorti qabel ma hija appellat, u dan bi ksur tad-dispozittiv ta’ l-artikolu 231 tal-Kap. 12, liema nuqqas jirrendi irritu u null l-istess appell.

2. Il-kawza attrici hi dwar talba ghall-hlas ta’ Lm2,425.59c minghand il-kontroparti konvenuta in konnessjoni ma’ relazzjonijiet ta’ xoghol. Fost l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta hemm dik tal-preskrizzjoni kwantu abbinata ma’ tlett artikoli, u cjoe, l-artikoli 2148, 2149 u 2153 tal-Kodici Civili.

3. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni pero’ fuq motivazzjonijiet differenti. Fil-kaz tal-preskrizzjoni abbinata ma’ l-artikoli 2148 u 2149, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni billi ddeklinat milli tqishom in kwantu l-appellant naqas milli jispecifika, billi jaghzel, liema sub-inciz kien qieghed jinvoka; filwaqt li kwantu ghall-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap. 16, din giet michuda, wara li qisitha fil-meritu u dehrilha li ma kenitx tapplika.

4. Fl-appell taghha, is-socjeta’ konvenuta ressqet aggravji dwar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti irrespringiet il-preskrizzjoni in kwantu bbazata fuq l-artikoli 2148 u 2149 tal-Kap. 16, u dan ghaliex fir-rigward ta’ dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap. 16, is-socjeta’ konvenuta appellanti ddikjarat espressament fir-rikors ta’ appell taghha (ara para. 5.3 fol 4 tar-rikors) hekk,

“B’riferenza ghall-preskrizzjoni 2153 l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha u rreferiet ghal sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell li stqarret li l-preskrizzjoni prevista fl-artikolu 2153 ma tolqotx l-azzjoni ghall-hlas ta’ obbligazzjonijiet <u>ex contractu</u> <u>vel</u> <u>quasi</u> izda azzjonijiet ghall-hlas ta’ danni <u>ex delicto vel quasi</u>. Din hija interpretazzjoni li s-socjeta’ esponenti <u>m’ghandhiex x’tikkontesta</u> u <u>ghalhekk taccettaha</u>.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

5. Din li gejja hija decizjoni dwar jekk is-socjeta’ konvenuta appellanti setghetx tinterponi appell minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, igifieri kellhux jew le f’dan il-kaz japplika l-artiklu 231 tal-Kap. 12.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Bilkemm ghalfejn ghandu jinghad, ghax hija haga ferm evidenti, li l-hsieb tal-legislatur fil-promulgazzjoni ta' l-emendi procedurali li dahlu fis-sehh bl-Art XXIV ta' l-1995 dwar appell f'kaz ta' sentenzi separati, kien dak li sa fejn hu possibbli process ma jigix spezzettat b'appelli li jsiru meta l-kawza tkun ghadha ma gietx deciza finalment. Fl-istess waqt pero' l-ligi, kif emendata, lanqas ma hija wahda drakonjana l-ghaliex l-artiklu 231 xorta jhalli lok u possibilita' li jsir appell qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-Qorti. Kull ma huwa rikjest mill-parti li trid tkun tappella hija sempliciment dik li taghmel talba lil dik il-Qorti biex jinghatalha permess biex isir appell. Din it-talba ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt (6) ijiem minn dik is-sentenza.

7. Huwa pacifiku li fil-kaz in ezami l-appellant m'ghamel l-ebda talba bhal ma jinghad fil-paragrafu ta' qabel. L-appellant jissottometti li "fejn kawza jinhtigilha tindirizza materja li ggib ezitu definittiv bl-assolvibilita' ta' xi parti minn dik l-azzjoni allura l-kwistjoni ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda li tipprezenta diversita' ta' kwistjonijiet". Ghall-appellant ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni "hija wahda u unika ... dik cjoe' li tassolvi jew ma tassolvix mill-effetti ta' l-azzjoni".

8. Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju illi li kieku l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' appellanti giet milqugha, allura tali decizzjoni kienet ukoll tfisser li l-azzjoni attrici taqa', bil-konsegwenza ovvja li dik is-sentenza tkun wahda finali. Fil-kaz in ezami izda, id-decizjoni kienet bil-maqlub u darba li l-kwistjoni dwar preskrizzjoni giet deciza billi kienet michuda, kien ifisser li l-kawza setghet titkompli fil-meritu. Fi kliem iehor, ma kenitx decizjoni finali imma wahda in parte. Il-ligi tal-procedura, kif emendata, ma nehhitx b'mod assolut id-dritt tal-parti telliefa, f'dan il-kaz is-socjeta' appellanti, milli tappella imma ssottoponietu ghall-htiega obbligatorja li jitlob formalment permess mill-ewwel Qorti, anke verbalment. Jekk dan ma sarx, l-appellant ma jistax issa

jippretendi li fil-kaz tieghu l-htiega ghall-otteniment ta' dan il-permess m'huwiex rikjest "ex lege". Diversament, ikun ifisser li jkun bizzejjed ghal kull min irid jistultifika l-andament tal-kawza li jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anke meta m'ghandux fondament ghaliha, jipprovoka sentenza preliminarja in parte biex imbaghad jappella minnha minghajr il-htiega ta' permess kif hemm imnizzel fl-artkolu 231 tal-Kap. 12. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti kien proprju dan it-tip ta' spezzettar bla kontroll li l-emenda procedurali surreferita riedet tirrizolvi u, ghandu jinghad, illi bil-mod kif gie formulat dan l-artikolu, ma hemm l-ebda rigidita` esagerata fih ghaliex anke b'semplici talba verbali jista' jintalab permess. Altrimenti din il-Qorti ma tistax taccetta l-argument ta' l-appellant li fil-kaz ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke meta din tigi respinta, il-parti telliefa ghandha dejjem u necessarjament dritt li tappella skond u meta taghzel hi, bla ma titlob id-debitu permess min-naha ta' l-Ewwel Qorti, anke meta s-sentenza m'hijiex wahda finali.

Ghal dawn ir-ragunijiet

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat, tiddikjara l-appell interpost bhala wiehed proceduralment irritu u null u ghalhekk qeghda tichad l-istess appell a spejjez tas-socjeta' konvenuta appellanti – b'dana pero' li jibqa' rizervat lilha id-dritt, jekk ikun il-kaz, li tappella anke fuq il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni wara s-sentenza finali ta' l-ewwel Qorti u fejn dawna l-atti qeghdin, b'ordni taghha, jigu rimessi, a karigu tar-Registratur, ghall-fini indikat.

Dep/Reg
df